# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 2 ta' Mejju 2001**

**Numru 5**

**Avviz. numru 1345/99mm**

**Blye Engineering Co Ltd**

**vs**

**Godfrey Debattista u martu Caroline Debattista**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mis-socjeta' attrici fis-17 ta' Settembru 1999 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu s-somma ta' tlett mija sitta u hamsin lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm356.64c) ta' tmien kambjali skaduti (Dok A sa H) ta' Lm44.58-il wahda.

Bl-imghax kummercjali mid-data ta' kull skadenza tal-kambjali u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:

1. L-esponenti xtraw air condition gdid minghand is-socjeta' attrici liema air condition kien u ghadu difettuz kif jirrizulta fil-kawza.

2. L-esponenti talbu kemm il-darba lis-socjeta' attrici anke permezz tal-avukat sottoskritt sabiex tibghat xi wiehed mit-teknici taghha sabiex jezaminaw u jirriparaw dawn id-difetti, izda s-socjeta' attrici baqghet tinsisti li l-air condition mhux difettuz.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti trid tiddeciedi din il-kawza abbazi tal-provi mressqa mis-socjeta' attrici peress illi l-konvenut ma deherx biex jaghti x-xhieda tieghu meta l-kawza kienet appuntata ghal daqshekk.

Irrizulta mill-provi illi l-konvenut kien iffirma dawn il-kambjali illi kopja taghhom jidhru a fol 2, 3 u 4 tal-process, b'hekk flimkien dawn il-kambjali jammontaw ghac-cifra ta' tlett mija u sitta u hamsin lira Maltin u erba u sittin centezmi (Lm356.64c). Jidher li l-konvenuti kienu xtraw xi air conditioners u hallsu parti minn dawn il-kambjali, pero' dawk illi hemm esibiti fil-process baqghu pendenti u s-socjeta' attrici issa qieghdha titlob il-hlas taghhom. Rigward l-eccezzjoni tal-konvenuti, dawna qieghdin ighidu li xtraw air conditioners li kienu difettuzi mis-socjeta' attrici u minkejja illi talbuha diversi drabi biex tibghat technician, dina ma ghamlet xejn u l-air conditioners baqghu bil-hsara.

Il-Qorti jidhrilha li din it-tip ta' eccezzjoni ma tistax tinghata f'din it-tip ta' kawza. Fil-fatt f'sentenza deciza fil-5 ta' Ottubru,2000 fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "Ronald Micallef et vs Subway (Malta) Limited" inghad li kawza li tigi proposta abbazi ta' kambjala ghandha tigi trattata mill-Qorti bl-akbar celerita possibli, fejn l-eccezzjoni moghtija mill-konvenut tinvolvi ndagini fit-tul, l-indigani ghandha ssir f'kawza separata.

Ma hemmx dubbju illi l-eccezzjoni moghtija mill-konvenut tinvolvi ndagini fit-tul peress illi dina tirrikjedi anke possibilment il-hatra ta' periti teknici sabiex jezaminaw l-apparat u jaraw fejn qieghdha l-hsara u min hu responsabbli ghaliha. Din it-tip ta' indagini ma tistax issir f'azzjoni kambjarja illi del resto tkun ibbazata fuq dokumenti illi huma ta' natura specjali.

Fil-kawza deciza mill-Prim Awla fis-7 ta' April 2000 fl-ismijiet <u>Avukat Dr Keith Bonnici noe vs Adrian Busietta noe</u> il-Qorti qalet li l-kambjala ghandha natura specjali. L-obbligazzjoni li tohrog mill-kambjala hija obbligazzjoni awtonoma u ndipendenti mit-transazzjoni li kienet waslet ghal hrug tal-kambjala nniffisha (ara wkoll <u>John Portelli noe vs Joseph Sullivan</u> Qorti tal-Kummerc 17 ta' Ottubru 1989).Il-Qorti ghalhekk jidhrilha li s-socjeta' attrici hija gustifikata li titlob l-ammont indikat fl-avviz.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuti li jhallsuha s-somma ta' tlett mija u sitta u hamsin lira u erba u sittin centezmu (Lm356.64c) import

ta' tminn kambjali skaduti, liema kambjali huma ta' erba u erbghin lira u tmienja u hamsin centezmu-il wahda (Lm44.58c).

Bl-ispejjez u interessi legali kif mitlub kontra l-konvenuti.

Anthony Zammit

Dep Reg